MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 104

11 ta' Diċembru 2018

Minuti tas-seduta Nru. 104 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2018 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti minbarra l-Kunsillier J. Azzopardi li permezz ta' imejl datat 4 ta' Diċembru 2018 għarraf li kien ser ikun imsiefer. Il-Kunsill aċċetta r-raġuni mogħtija.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trażmessa direttament bl-internet.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-minuti tas-seduta Nru. 103 tat-13 ta' Novembru 2018, ġew approvati u ffirmati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

## 2.1.1. Kiri ta' vettura *double cab pickup* (V/3)

2.1.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 5.9.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li fit-23 ta' Novembru 2018 saret talba lil seba' operaturi differenti li jipprovdu s-servizz in kwistjoni, u tlieta minnhom wieġbu sad-data tal-għeluq, fis-7 ta' Diċembru 2018 f'nofsinhar. Il-prezzijiet mogħtija kienu kif jidher hawn taħt:

| | Operaturi | Total għal 36 xahar eskluża t-taxxa fuq il-valur miżjud |
|---|---|---|
| 1 | Burmarrad Commercials Ltd | €23,400.00 |
| 2 | Ranger Ltd (Godwin's Garage) | €36,000.00 |
| 3 | Aquarius Rent-a-Car Ltd | €24,300.00 |
| 4 | Aquarius Rent-a-Car Ltd | €24,998.40 |

2.1.3. Wara li ġiet eżaminata d-dokumentazzjoni sottomessa, irriżulta li l-offerta ta' Burmarrad Commercials Ltd hija l-irħas waħda kompatibbli mal-ispeċikazzjonijiet stabbiliti. Is-Segretarju ġie mitlub jagħmel rappreżentazzjonijiet mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jinġieb il-permess tal-Ministru.

**2.2.1. PA 8952/18 – Żvilupp ta' art fi Triq Sant' Elena k/m Triq Franġisk Zahra (P/5/8/E)**

2.2.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 5.6.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li l-Perit C. Cacopardo aċċenna li s-sit in kwistjoni għandu faċċata fuq Triq Sant' Elena, li tifforma parti mis-*Secondary Town Centre,* skont MAP 25 tal-Pjan Lokali għall-Majjistral. Irrefera wkoll għall-*policy* NWCM1 li tirregola t-*Town Centres*, fejn hemm provdut li *Child Care Centres* u *units* residenzjali mhumiex permissibbli fil-livell tat-triq. Minkejja dan l-Awtorità tista' tippermetti *unit* residenzjali wieħed f'każi eċċezzjonali. Rappreżentazzjonijiet f'dan is-sens saru mal-Awtorità fl-20 ta' Novembru 2018.

2.2.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

**2.3.1. Integrazzjoni Soċjali fil-lokalità (I/3)**

2.3.2. Saret referenza għall-minuta 2.3.1. tas-seduta preċedenti sabiex inġibdet l-attenzjoni li d-Dipartiment tal-Integrazzjoni talab li jiltaqa' mal-Kunsill Lokali bil-għan illi jibda jitwettaq il-pjan stabbilit fil-*Karta ta' l-Integrazzjoni* li ser titnieda fl-14 ta' Diċembru 2018.

2.3.3. Il-Kunsill iddeċieda li jiġi ffissat appuntament lejn l-aħħar ta' Jannar 2019.

**2.4.1. Bankina f'Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata (P/4/25)**

2.4.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 2.1.3. tas-seduta preċedenti u għarraf li wara talba illi huwa għamel lill-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali, l-istess Ministeru approva l-provvista u tqegħid ta' pavimentar u kurduna tal-qawwi, sabiex tinbidel il-bankina tal-konkos eżistenti, biswit il-Knisja Parrokkjali tal-Manikata. Huwa qal ukoll li ser isir *conduit* sabiex aktar 'il quddiem ikun possibbli jiġu nstallati dwal mingħajr ma jsir tkissir fil-wiċċ tal-bankina. Is-Sur J. Buttigieg għarraf ukoll li l-proposta oriġinali li l-wiċċ tal-bankina jinkesa bil-*grey slay* ġiet imwarrba fuq parir mogħti mill-Perit R. England, li kien responsabbli għall-iddisinjar u l-bini tal-knisja.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.3.1. Restawr u attrezzar tal-Batterija ta' Westreme (P/10/30)**

2.3.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 5.14.1. u fakkar li nħarġu żewġ sejħiet għall-offerti – waħda intiża għall-attezzat il-mużew tat-tunnara minn ġewwa (MLC 9/2018) u oħra bil-għan li jsir ir-restawr minn barra (MLC 10/2018). Is-Sur C. Debono qal li fiż-żewġ każi ma kienx hemm rispons u għalhekk ser ikollhom isiru sejħiet ġodda.

2.3.3. Is-Sur C. Debono ppropona li ssir talba lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex jiġu rkuprati 85% tal-20% kofinanzjament li jrid jidħol għalih il-Kunsill fuq l-ispiża totali.

2.3.4. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

### 2.4.1. Studju Nazzjonali fuq il-Prevalenza tan-Nuqqas ta' Smigħ fost l-Adulti (M/8/Vol VI)

2.4.1. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 2.5.1. tas-seduta preċedenti u fakkar li s-servizz tal-i*screening* mogħti mid-ditta OK Medical li sar bejn is-26 ta' Novembru u t-30 ta' Novembru 2018 mill-Uffiċċju tal-Kunsill, kien ibbukkjat kollu. Għaldaqstant saru arranġamenti sabiex l-istess servizz jiġi estiż għar-residenti tal-Manikata fid-19 ta Diċembru bejn id-9.00 ta' filgħodu u nofsinhar mis-Sala Parrokkjali.

2.4.2. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.5.1. Kompetizzjoni tas-*snooker* organizzata mill-Kunsill (S/4/2/Vol III)

2.5.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-minuta 5.24.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li għall-kompetizzjoni msemmija rreġistraw tnax-il kompetitur, li huma mqassmin hekk: 8 miċ-Ċentru Laburista; 3 mill-Għaqda Mużikali Imperial; u 1 mill-Mellieħa Sports Club. Huwa qal ukoll li l-logħob ser isir kollu f'istess sede, li tinbidel minn sena għall'oħra.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.6.1. Andament dwar is-servizz tal-ġbir tal-iskart riċiklabbli (K/6/11)

2.6.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 8.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-kuntrattur imqabbad minn Green MT Ltd waqqaf is-servizzi tiegħu ħesrem fuq il-premessa li x-xufier li kellu telaq u ma sabx minn jaħdem minfloku. Dan bir-riżultat li fil-11 ta' Diċembru 2018, Green MT ma kellhiex min jirrendi s-servizz. B'riżultat tal-isforzi li saru nstab kuntattur li pprovda servizz ta' emerġenza li beda jaħdem wara nofsinhar. Is-Sur J. Buttigieg ikkummenta li s-servizz mogħti ma kienx dak mixtieq minħabba li l-istess kuntrattur ma kienx familjari mar-rotta, appart li beda tard. Għaldaqstant saru sforzi minn naħa tal-Kunsill sabiex tinstab persuna familjari mar-rotta sabiex jiggwida l-kuntrattur il-ġdid.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1. *Boathouses* taħt Dawret it-Tunnara (A/6/5)

3.1.1. Il-Kunsillier J. Gauci aċċenna li hemm xi *boathouses* taħt il-livell ta' Dawret it-Tunnara li qed jieħdu l-ilma mit-triq bir-riżultat li s-soqfa ddeterjoraw u jinsabu fi stat perikoluż. Għaldaqstant huwa staqsa jekk ikunx opportun li tinġibed l-attenzjoni tal-Awtorità tal-Artijiet dwar.

3.1.2. Il-Kunsill approva l-proposta u talab li tinġabar l-evidenza kollha possibbli biex tissustanzja r-rappreżentazzjonijiet li jsiru.

### 3.2.1. Kwalità tax-xogħol fi Triq Lewis Wettinger (T/4/4/Vol II)

3.2.2. Il-Kunsillier H. Fenech rrefera għall-kisi mill-ġdid bit-tarmak li sar minn Infrastructure Malta fit-triq imsemmija qabel is-sajf 2018. Huwa staqsa dwar jekk il-wiċċ huwiex ser jerga' jinqala biex isir mill-ġdid fil-partijiet li huma difettużi.

3.2.3. Is-Sindku kkonferma li l-karreġġjata fuq in-naħa fejn mhemmx bini, f'dik il-parti li tinsab bejn it-triq tal-Miżieb u r-*roundabout* ta' Selmun, ser issir mill-ġdid, liema parti kienet ġiet assenjata lil V. & C. Contractors Ltd.

### 3.3.1. *Mini-roundabout* fi Triq il-Qortin (T/3/2/Vol XV)

3.3.2. Il-Viċi Sindku D. Vella ppropona li r-*roundabout* li hemm fil-*junction* ta' Triq il-Qortin, Triq il-Birwina, u Triq il-Gardell ma tibqax indikata biż-żebgħa, iżda tinbena peress li qed ikun hemm sewwieqa li jibqgħu għaddejjin għad-dritt u ma jirrispettawhiex.

3.3.3. Is-Segretarju wieġeb li minħabba restrizzjoni ta' spazzju ma kienx possibbli li din tinbena, għaliex vetturi ta' ċertu daqs huma kostretti li jgħaddi minn fuqha.

## 4.1. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 10/12/18;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 23/10/18 – 06/11/18
- Skeda ta' Pagamenti – 10/11/18 – 10/12/18;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. *Bollards* fuq il-bankina fi Triq Santa Marija k/m Triq Franġisk Zahra (T/3/2/Vol XV)

5.1.2. Saret referenza għall-imejl datat 24 ta' Ottubru 2018, mibgħut mis-Sur Mario Cutajar sabiex iwaħħal erba' *bollards* quddiem sit li attwalment qed jiġi żviluppat fi Triq Santa Marija kantuniera ma' Triq Franġisk Zahra. Din it-talba saret sabiex tingħata protezzjoni lill-binja peress li dan il-post saru diversi kolliżżjonijiet ta' dan it-tip.

5.1.3. Il-Kunsill ħa in konsiderazzjoni li fil-post imsemmi spiss ikun hemm kolliżjonijiet u għalhekk ikun jagħmel sens jekk issir *speed hump* fi Triq Santa Marija qabel il-kantuniera ma' Triq Franġisk Zahra. Kemm-il darba l-applikant jara li l-periklu għall-proprjetà tiegħu jibqa', m'għandux ikun hemm oġġeżżjoni għat-twaħħil ta' bollards tat-tip indikati fit-talba.

### 5.2.1. PA 7151/18 – Żvilupp ta' sit Nru. 41, Triq Franġisk Zahra (P/5/8/F)

5.2.2. Saret referenza għall-applikazzjoni mressqa lill-Awtorità tal-Ippjanar illi tinvolvi sit konfinanti minn Triq Franġisk Zahra, Triq Snajjin u Sqaq Nru. 1 fl-istess triq. Ġie spjegat li t-talba tinvolvi t-twaqqiegħ tal-bini, żamma ta' parti mill-faċċata eżistenti, bini ta' appartamenti fil-livell tat-triq, fl-ewwel, it-tieni u t-tielet sular, flimkien ma' żewġ sulari oħra rtirati mill-faċċata.

5.2.3. Il-Kunsill ħa in konsiderazzjoni li l-iskema stabbilita fil-Pjan Lokali skont il-*policy* DC15 tippermetti għoli ta' tliet sulari flimkien ma' *semibasement*. L-għoli tal-bini huwa stabbilit sa massimu ta' 17.50 metri. Ġie nnutat li l-proposta hija inqas minn dan, kif ukoll li l-binja eżistenti ma tinsabx fiż-żona ta' konservazzjoni urbana.

### 5.3.1. PA 5919/09 – Talba sabiex tinbena lukanda fi Triq Ġorġ Borg Olivier k/m Triq San Publiju (P/5/8/G)

5.3.2. Saret referenza għar-rijattivazzjoni tal-applikazzjoni msemmija hawn fuq, li tinvolvi t-twaqqiegħ tal-bini eżisti u l-bini ta' lukanda ta' tliet stilel fis-sit Nru. 139, Triq Ġorġ Borg Olivier.

5.3.3. Minħabba li l-perjodu mogħti sabiex isiru rappreżentazzjonijiet skada fl-4 ta' Diċembru 2018, ġiet imtennija l-oġġezzjoni mressqa mill-Kunsill fit-22 ta' Marzu 2013. Fl-imsemmija rappreżentazzjonijiet kienet inġibdet l-attenzjoni dwar fatturi li jirrigwardaw l-għoli tal-binja proposta u l-linja tal-bini fuq in-naħa ta' Triq San Publiju. Dan kien sar wara li ġew eżaminati l-*policies* relevanti fil-Pjan ta' Struttura u l-Pjan Lokali.

5.3.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha tinġibed l-attenzjoni wkoll li waqt it-twaqqiegħ tal-binja eżistenti u l-iskavar għandha tingħata attenzjoni sabiex ma ssirx ħsara fix-xelter tat-Tieni Gwerra Dinjija li jestendi minn Triq l-Inkunazzjoni sa Triq l-Isqof Pace u jgħaddi proprju minn taħt Triq il-Kappillan Magri.

**5.4.1. PA 9963/18 - Estensjoni tal-Mellieħa Holiday Centre (P/5/8/G)**

5.4.2. Saret referenza għall-applikazzjoni memmija li tinvolvi tibdil mill-permess PA 5833/09 fir-rigward tal-passaġġi u fl-għoli tal-*bangalows*, żvilupp ta' sitt binjiet għas-servizzi meħtieġa, u tletin *bungalow* ġdida li diġa huma approvati.

5.4.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni wara li ra l-pjanti sottomessi mat-talba.

**5.5.1. PA 10178/18 – Estensjoni tal-Panorama Hotel (P/5/8/D)**

5.5.2. Saret referenza għall-applikazzjoni msemmija, fejn l-applikant talab li jżid erba' sulari mal-ħamsa eżistenti. Qed jiġi propost ukoll li ż-żewġ sulari ta' fuq nett ikunu rtirati mill-faċċata.

5.5.3. Is-Sindku għarraf li ttieħed parir dwar din it-talba u nġibdet l-attenzjoni li

(a) L-għoli permissibbli attwalment huwa tliet sulari flimkien ma' *semibasement,* li skont il-*policy* DC15, dawn jissarfu f'għoli massimu ta' 17.50-il metru;

(b) Il-*Height Limitation Adjustment Policy* għall-lukandi tippermetti żieda fl-għoli, iżda din il-proposta mhijiex kompatibbli mar-rekwiżiti tal-*policy* minħabba li:

i. Il-medda tas-sit jeħtieġ li jkun iktar minn 5000 metru kwadru. F'dan il-każ din hija 424.3 metri kwadri;

ii. Is-sit jeħtieġ li jkun imdawwar b'toroq eżistenti jew ippjanati, iżda f'dan il-każ Triq Dun Belin Azzopardi ma tinfidx ma' Triq Ġnien Ingraw;

iii. Is-sit għandu jakkomoda bini waħdu. Mhux il-każ;

iv. Is-sit m'għandux jaffettwa b'mod negattiv l-infrastruttura, iżda f'dan il-każ ċertament li jaffettwaha; u

v. Is-sit ma jridx ikun jinstab fuq ix-xifer ta' għolja. F'dan il-każ is-sit jinsab eżatt fuq ix-xifer.

5.5.4. Il-Kunsill qabel li rappreżentazzjonijiet f'dan is-sens għandhom isiru mal-Awtorità tal-Ippjanar.

**5.6.1. Ġimgħat tal-Ħelsien fir-Reġjun ta' Ahrweiler (K/1/5/Vol V)**

5.6.2. Saret referenza għall-imejl datat 30 ta' Novembru 2018 fejn is-Sindku ta' Adenau – Arnold Hoffmann – stieden lis-Sindku flimkien ma' uffiċjali mill-Kunsill u grupp ta' żgħażagħ sabiex jipparteċipa fis-sessjoni konklussiva ta' l-avveniment imsemmi, li ser issir bejn id-29 u l-31 ta' Marzu 2019. Il-Kunsill ta' Adenau ser ikun lest li jipprovdi t-trasport u l-akkomodazzjoni. L-Ambaxxata Maltija fil-Ġermanja ser tkun qed tisponsorja dan l-avveniment.

5.6.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-Mellieħa għandha tkun rappreżentata fl-avveniment imsemmi u permezz ta' dan anke jiġġedded il-ġemellaġġ ma' Adenau. Għaldaqstant għandhom isiru kuntatti sabiex jinstabu ż-żgħażagħ li jistgħu jieħdu sehem.

**5.7.1. Sejħa Nru. 8/2015 – Manutenzjoni u żamma ta' latrini pubbliċi (L/3/Vol III)**

5.7.2. Is-Segretarju rrefera għall-kawża 1051/2016 – Paul Cardona et vs Kunsill Lokali tal-Mellieħa – li permezz tagħha Cardona kkontestaw in-nuqqas tal-Kunsill milli jiftaħ il-proċess kollu tat-*tender* wara li sar appell quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi. Il-Kunsill kien naqas li jagħmel dan fid-dawl tal-fatt li fir-rigward ta' appellant ieħor taħt l-istess sejħa, il-bord ikkontradixxa ruħu meta ddeċieda li għandha ssir sejħa mill-ġdid.

5.7.3. Fis-sentenza mogħtija fis-27 ta' Novembru 2018, il-Qorti esprimiet li hija ferm perplessa dwar kif il-Bord seta qatt jasal għal deċiżjonijiet daqshekk konfliġġenti dwar l-istess sejħa għall-offerti, u għaldaqstant il-Kunsill ma jistax jonora d-deċiżjoni tal-Bord fil-konfront tal-appell imressaq minn Cardona. Il-Qorti qalet li l-kjarifika li għamel il-Bord fuq talba tal-Kunsill ma kienet kjarifika xejn, imma effettivament il-Bord bidel id-deċiżjoni li ħa fil-każ ta' Paul Cardina, xi ħaġa li ċertament ma setax jagħmel u żgur li mhux permezz ta' sempliċi imejl. Il-Qorti kompliet tgħid li ma jista' jkun hemm l-ebda evalwazzjoni mingħajr sejħa għall-offerti valida u leġittima. F'dawn iċ-ċirkostanzi, it-talbiet ta' Cardona ġew miċħuda mill-Qorti. Għall-istess raġunijiet l-ispejjeż għandhom jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

5.7.4. Is-Segretarju għarraf li skont parir mogħti mill-konsulent legali tal-Kunsill, għandu jitħalla jgħaddi l-perjodu tal-appell quddiem il-Qorti u ssir sejħa ġdid għall-offerti.

5.7.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li t-test tal-ispeċifikazzjoni teckniċi fid-dokument tal-offerta għandu jiġu riveduti qabel issir is-sejħa.

## 5.8.1. Faċilità ta' ħatt u tagħbija fi Triq in-Nases (T/3/2/Vol XV)

5.8.2. Saret referenza għal imejl datat 10 ta' Diċembru 2018 mibgħut mill-operatur tal-ħanut "Maypole", fejn ilmentat li l-ispustjar tal-*Un/Loading Bay* għan-naħa l-oħra ta' Triq in-Nases ser joħloq inkonvenjent għall-fornituri tagħhom. Hija qalet ukoll li l-ħatt u tagħbija ta' merkanzija jinvolvi perjodi qosra matul il-ġurnata u għalhekk ma jkunx hemm daqshekk inkonvenjent għall-operatur tal-ħanut "Il-Mitħna".

5.8.3. Il-Kunsill qabel li din il-faċilità tista' tiġi spusstjata għal Triq il-Kbira, kantuniera ma' Triq in-Nases quddiem il-ħanut "Maypole". Għaldaqstant għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet ma' Transport Malta f'dan ir-rigward.

## 5.9.1. Restawr tal-Knisja l-Qadima tal-Manikata (R/2/Vol II)

5.9.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.6.1. tas-seduta ta' qabel u qal li l-Manikata ser tibbenefika mill-Iskema tar-Restawr ta' Postijiet Storiċi bir-restawr tal-knisja l-qadima. L-iskema hija amministrata mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strategija u Implimentazzjoni ta' *Policy*, skont ċirkulari SPI 10/2018. Għaldaqstant, ix-xogħol fuq barra tal-knisja ser isir mid-Direttorat tar-Restawr wara li jinkiseb il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar.

5.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.10.1. Pavimentar taz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali (P/4/3/Vol IV)

5.10.2. Is-Sindku għarraf li saru diversi laqgħat fuq il-post ma' uffiċjali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet u l-Infrastruttura, fejn ġew diskussjoni l-mod kif ser issir ir-rampa tal-injam għall-persuni b'diżabilità, it-tqassim tal-*conduit* meħtieġ għall-installazzjoni tal-elettriku fuq iz-zuntier, kif ukoll ix-xogħlijiet li jridu minn naħa tal-Enemalta dwar t-titjib tas-servizz li qed jissupplixxi l-knisja. Is-Sur J. Buttigieg qal li x-xogħol huwa mistenni li jibda f'Jannar 2019.

5.10.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 6.1. Parkeġġ parti mill-estensjoni tal-Iskola Primarja (S/3/1/1)

6.2. Is-Sindku għarraf li fis-27 ta' Novembru 2018 saret laqgħa dwar is-suġġett t'hawn fuq fil-bini tal-Parlament, li kienu preżenti għaliha l-Ministru tal-Edukazzjoni u l-Impjiegi l-Onor. E. Bartolo, il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali l-Onor. I. Borg, il-Kap Eżekuttiv tal-Fondazzjoni għall-Iskejjel T'Għada s-Sur Mario Gafà, u l-Kap Eżekuttiv ta' Infrastructure Malta l-Ing. F. Azzopardi. Għan-naħa tal-Kunsill kien hemm preżenti flimkien mas-Sur J. Buttigieg, il-Kunsillieri E. Bartolo u A. Brincat Stellini.

6.3. Fil-laqgħa msemmija sar magħruf li skont stima preliminari magħmula mill-periti tal-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada, irriżulta li sabiex isiru erba' livelli addizzjonali fil-parkeġġ tal-Iskola Primarja, jinvolvi nefqa ta' €13-il miljun. Billi din l-ispiża mhux fil-pjan ta' ħidma tal-ebda wieħed mill-ministeri msemmija, in-nefqa tista' tiġi ffinanzjata minn self b'rata baxxa, fuq medda twila ta' żmien mill-Malta Development Bank (MDB). L-istess bank jopera ma' entitajiet governattivi bil-għan li jitwettqu proġetti nfrastrutturali meqjusa sostenibbli.

6.4. Is-Sur J. Buttigieg kompla billi stqarr li fit-3 ta' Diċembru 2018 huwa attenda laqgħa fil-bini tal-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Impjiegi, li għaliha kien preżenti il-Ministru E. Bartolo, il-konsulent fl-istess ministeru s-Sur M. Gruppetta, iċ-Chairman tal-MDB il-Professur J. Bonnici u l-Kap Eżekuttiv tal-MDB is-Sur R. Saliba. Għan-naħa tal-Kunsill attendew ukoll il-Kunsillieri E. Bartolo u A. Brincat Stellini, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Il-Professur Bonnici stqarr li l-ideja li jsir parkeġġ fi proprjetà pubbliku hija waħda nteressanti għaliex tħares lejn il-ħtiġijiet preżenti u futuri tal-komunità. Fl-istess laqgħa anke ġiet diskussa l-ideja li l-parkeġġ jiġi estiż għal taħt il-bitħa tal-iskola li tippermetti iktar spazji għall-ipparkjar u hekk tirrendi l-proġett iktar vijabbli. Għaldaqstant ġie miftiehem li ssir laqgħa oħra fit-12 ta' Diċembru 2018 sabiex ikunu jistgħu jitfasslu żewġ *business plans* separati – wieħed limitat għall-art fejn ser tiġi estiża l-iskola u l-ieħor bl-inklużjoni tal-bitħa tal-istess skola, u hekk wieħed ikun jista' jiddeċiedi dwar l-liema għażla hija l-aktar vijabbli.

6.5. Il-Kunsill innota l-iżviluppi li kien hemm fuq din il-materja u qabel unanimament li għandhom jitkomplew il-kuntatti, inkluż ma' *stakeholders* kummerċjali.

### 7.1. Aġġornament dwar l-attivajiet tal-25 Anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill (A/5/3/8)

7.2. Is-Sindku għarraf li x-xogħol fuq il-mafkar tal-25 Anniversarju kien wasal fi stadju avvanzat, kif ukoll qed jitħejja l-pedament għalih fi Ġnejnet il-Kunsill.

7.3. Il-Kunsill innota l-progress li sar u ddeċieda li l-kxif tal-mafkar jsir nhar is-Sibt 29 ta' Diċembru 2018 fl-10.00 a.m. u wara jkun hemm bibità fis-Sala tal-Kunsill. Ġie deċiż li għandhom jiġu mistiedna d-diriġenti tal-għaqdiet volontarji, il-kuntratturi nvoluti fil-ħidma tal-Kunsill u uffiċjali mill-entitajiet li jaħdem magħhom il-Kunsill.

7.4. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li ċ-ċerimonja tad-29 ta' Diċembru tkun tikkonsisti f'daqq ta' mużika klassika mill-vjolinista Simon Vella, qari ta' poeżija minn Anthony Fenech, flimkien ma' poezija ta' Marija Grima, li t-tnejn jkunu marbuta mas-suġġett. It-tberik tal-mafkar isir mill-Arċipriet J. Caruana.

7.5. Is-Sinjura A. Brincat Stellini kkummentat li l-*musical* "Naħal tal-Imħabba" kien ta' livell għoli u ntlaqa' tajjeb mill-udjenzi li attendew għar-rappreżentazzjonijiet li saru fit-8 u d-9 ta' Diċembru. Hija kkummentat li kien ta' diżappunt illi diversi mistednin mill-għaqdiet ma' attendewx is-serata tat-8 ta' Diċembru. Minkejja dan, saru suġġerimenti biex dan jerġa jsir f'xi okkażjoni oħra, bħall-Iljieli Melleħin, li ċertament tkun tinvolvi anqas spejjeż.

7.6. Saret referenza għall-imejl tat-2 ta' Diċembru 2018, mibgħut mill-Għaqda Mużikali Imperial li aċċenna għall-kunċert mogħti minnhom fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum fit-18 ta' Novembru 2018 bħala parti mill-attivitajiet marbuta mal-anniversarju msemmi. Dan kien jinvolvi spiża għall-għaqda sabiex jinkera t-tagħmir tal-audio u għalhekk il-Kunsill intalab jikkontribwixxi f'dan ir-rigward. Il-Kunsill approva t-talba.

### 8.1. Estimi 2019 – Proġetti Kapitali (F/1/30)

8.2. Is-Segretarju qal li attwalment għaddejjin it-tħejjijiet dwar l-Estimi tal-Kunsill għall-2019 u għaldaqstant talab li jkollu ndikazzjoni liema ser ikunu l-proġetti kapitali li ser jingħataw priorità matul l-istess sena.

8.3. Bħala proġetti ġodda, is-Sindku ppropona li jiġu nklużi:

- L-introduzzjoni ta' dwal ornamentali fi Triq San Pawl u Triq it-Tramuntana;
- Il-*lift* bejn Triq l-Inkurunazzjoni u l-Belveder tas-Sur; u
- Il-ġnien konfinanti minn Triq l-Etna; Mons. Franġisk Xuereb; u Triq l-Għasel.

8.4. Il-Kunsill iddeċieda li l-laqgħat annwali tal-lokalità jsiru fil-Mellieħa u l-Manikata fl-14 u l-15 ta' Jannar 2019, rispettivament.

## 9.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

9.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 10 ta' Diċembru 2018.

9.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

9.4. Tressqet skeda ta' infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* bejn it-23 ta' Ottubru u s-6 ta' Novembru 2018.

9.5. Tressqet ukoll, b'mod separat, skeda ta' pagamenti li tkopri bejn l-10 ta' Novembru u l-10 ta' Diċembru 2018.

9.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fl-iskeda msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Quarterly-Financial-Reports.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn dawk preżenti, is-seduta spiċċat fid-9:15 pm u ġiet aġġornata għall-nhar it-Tlieta, 8 ta' Jannar 2019 fis-6.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**